



# Aħbar Tajba

Atti 2, 14a.22-33
Salm 15 (16), 1-2a.5.7-8.9-10.11
1 Piet 1, 17-21
Lq 24, 13-35

"Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa
**u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?"**

James ma kienx jara ċar imma sfortunatament ħadd ma nduna li kellu bżonn nuċċali. La James ma kien jaf li kellu bżonn nuċċali, u lanqas il-ġenituri jew il-ħbieb tiegħu. James kien jaħseb li fid-dinja kollox kien imċajpar. Ħaseb li kulħadd kien qed jara kif jara hu. Meta beda jikber ftit mhux ħażin ommu bdiet tinduna kemm kien joqgħod qrib tat-televixin biex jara programm u n-nannu mill-banda l-oħra beda jinnota kemm James kien iżomm il-ktieb qrib ta' wiċċu meta jkun jaqra. Fl-aħħar l-għalliem ġibed l-attenzjoni tal-ġenituri tiegħu li James kien qed isibha diffiċli jaqra minn fuq il-whiteboard u għalhekk qatgħuha li jeħduh għand l-optician.

Għall-bidu ħabat ser jiddejjaq kif sema' lit-tabib jgħidlu li se jagħmillu nuċċali. Beda jaħseb li sħabu ser jiddieħku bih għax jarawh stramb. Imma kif libsu l-ewwel darba f'għajnejh tajjar minn moħħu dawn il-ħsibijiet kollha! Fejn qatt basar! Seta' jara l-weraq tas-siġar waħda waħda! Issa seta' jara wiċċ ommu u missieru ċar anki meta kienu ftit boghod! Hekk sew!

Forsi aħna m'għandniex problema bil-vista bħalma kellu James imma kultant xorta jkollna diffikultà naraw l-affarijiet kif tassew huma. L-Evanġelju tal-lum laqqagħna mad-dixxipli t'Emmaws li sa ċertu punt kellhom esperjenza tixbah ħafna lil ta' James. Min jaf kemm kienu mxew wara Ġesù, u kemm-il darba qagħdu jsimgħuh jgħallem. Forsi saħansitra rawh jagħmel xi miraklu. Imma issa kien miexi magħhom u ma għarfuhx! Ma kellhom l-ebda idea minn seta' kien però kienu persuni tajba u offrewlu jibqa' magħhom u jqatta' l-lejl id-dar tagħhom. Kien hawn li l-istorja tagħhom inbidlet. Waqt l-ikel, Ġesù qasam il-ħobż bħalma kien għamel fl-aħħar ċena u dak il-ħin ġralhom bħal James meta libes in-nuċċali. Dak il-ħin għarfu min kien.

Bħal dawn id-dixxipli, aħna wkoll jiġu mumenti fejn bħal donnu ma narawx ċar jew nitħawdu. Biex jirnexxilna nirbħu dawn il-mumenti rridu nfittxu li nibqgħu qrib ta' Ġesù. Dan nistgħu nagħmluh billi nagħmlu l-almu tagħna biex ma nitilfux okkażjoni li nieħdu sehem fil-quddiesa u nitqarbnu. Ma ninsewx li fl-Evanġelju qrajna li kien fil-mument tal-Ewkaristija li d-dixxipli ndunaw b'Ġesù. Infittxu l-għajnuna tas-sagrament tal-qrar meta niżbaljaw u fuq kollox infittex li sħabi jkunu persuni li jressquni lejn Ġesù u mhux ibegħduni.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

GĦEMMAWS, JITĦADDTU, KLEOFA, BARRANI, PROFETA, QABAR, MESSIJA, JBATI, GLORJA, QSIM, ĦOBŻ

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Q | A | M | O | S | I | M | S | Ħ | B |
| A | M | E | S | S | I | J | A | O | A |
| W | E | S | M | E | Ħ | B | Ħ | B | R |
| M | S | S | E | D | IE | A | A | Z | R |
| IE | S | I | J | A | W | T | B | A | A |
| N | Ħ | O | B | Ż | A | I | A | N | N |
| GĦ | E | M | M | A | W | S | T | A | I |
| P | J | I | T | Ħ | A | D | D | T | U |
| R | Ħ | A | D | K | L | E | O | F | A |
| O | G | L | O | R | J | A | Ġ | E | B |
| F | P | R | O | F | E | T | A | A | L |
| E | Q | A | B | A | R | Q | S | I | M |
| T | O | S | I | M | Q | A | B | A | R |


GĦEMMAWS
ĠERUSALEMM



**Minn kliem il-Papa Franġisku**

"Sibu modi ġodda kif ixxandru l-Kelma ta' Alla f'kull tarf tad-dinja."

Qatt waqaft u ħsibt ftit li fik jinsab il-potenzjal kbir ta' kreattività li permezz tiegħu inti kapaċi ssib modi differenti ta' kif ixxandar il-Kelma ta' Alla?

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





## AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

**mediacentre**

design • video production • animation • publishing • web





**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com


AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.